**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 18 ta' Ottubru, 2018

Rikors Guramentat : 158/16 AL

**A A Mc C f'isimha proprju u ghan-nom u fl-interess tat-tfal minuri taghha S Mc C u N Mc C u b'digriet tat-28 ta' Marzu 2017 A A Mc C giet awtorizzata biex tinhatar bhala kuratrici ad litem tal-minuri S Mc C u N Mc C**
**vs**
**1. G Z**

**2. Direttur Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippresentat mill-attrici, li permezz tieghu ppremettiet :

**IL-FATTI**

1. Illi r-rikorrenti A A Mc C kienet involuta f'relazzjoni intima ma' l-intimat G Z bejn Dicembru tas-sena 2008 u Marzu tas-sena 2011;

2. Illi minn din ir-relazzjoni fil-15 ta’ Lulju 2010 twieldu lill-partijiet t-tewmin S u N Mc C;
3. Illi ghalkemm l-intimat G Z kien jaf illi r-rikorrenti kienet tqila bit-tfal tieghu u hu kien anki wera predispozizzjoni illi jirrikonoxxi lill-istess tfal la darba jitwieldu, l-istess intimat baqa’ pero ma rrikonoxxiex lit-tfal minuri tieghu Seydon u N u dawn gew registrati bhala li ghandhom missier mhux maghruf;
4. Illi di piu sia waqt it-tqala kif ukoll wara t-twelid tal-minuri, l-intimat G Z ftit li xejn wera interess fit-tfal tieghu, u illum il-gurnata lanqas biss ghandu kuntatt maghhom,
5. Illi l-intimat G Z ghandu ukoll tlett itfal ohra minn relazzjoni precedenti, u jkun opportun u fl-ahjar interess tal-minuri Seydon u N li jigu anke huma rikonoxxuti bhala t-tfal ta’ l-intimat G Z, u dana anki peress illi l-istess tfal qeghdin jistaqsu ghal missierhom u jixtiequ jkunu jafu min hu missierhom;

**RAGUNI GHAT-TALBA**

6. Illi ghalhekk qeghdin isiru l-prezenti proceduri sabiex:

(a) Fl-ewwel lok, jigi stabbilit u dikjarat illi l-minuri S Mc C u N Mc C huma effettivament it-tfal tal-intimat G Z u ghalhekk ma jibqghux jidhru bhala tfal ta’ missier mhux maghruf ;

(b) Konsegwentement li ssir korrezzjoni ta’ l-Att tat-Twelid bin-numru 2226/2010 u l-Att ta-Twelid bin-numru 2227/2010 appartenenti rispettivament lil S Mc C u N Mc C sabiex tigi riflessa l-verita dwar il-paternita ta’ l-istess minuri;

**TALBIET**

Talbet in vista ta’ dan fuq premess, u prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna, li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimat G Z huwa l-missier bijologiku tal-minuri tewmin S u N prezentement maghrufa bil-kunjom Mc C;

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel is-segwenti emendi fl-Att tat-Twelid numru 2226/2010 kif ukoll fl-Att tat-Twelid Numru 2227/2010 rispettivament tal-minuri S u N prezentement maghrufa bil-kunjom Mc C, ossia:

   (a) Jizdied fil-kolonna "**Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha**" il-kunjom "Z" flimkien mal-kunjom "Mc C" sabiex il-kunjom tal-minuri jkun jaqra "Z Mc C";

   (b) Jissostitwixxi l-kliem "Unknown Father" fil-kolonna "**Isem u Kunjom**" b'riferenza ghall-intestatura ta' "**Missier it-Tarbija**" bil-kliem "G Z";

   (c) Jizdiedu fil-kolonna "**id-Dokument ta' l-Identita**" b'riferenza ghall-intestatura ta' "**Missier it-Tarbija**" in-numri u l-kliem "182582M";

   (d) Jizdied fil-kolonna "**Eta**" b'riferenza ghall-intestatura ta' "**Missier it-Tarbija**" n-numru "34";

   (e) Jizdiedu fil-kolonna "**Fejn Twieldu**" in kwantu jirrigwarda l-intestatura "**Missier it-Tarbija** il-kliem "Pieta Malta";

   (f) Jizdiedu fil-kolonna "**Fejn Joqoghodu**" in kwantu jirrigwarda l-intestatura "**Missier it-Tarbija**" il-kliem "Valletta Malta";

   (g) Jizdiedu fil-kolonna "**Isem u Kunjom il-Missier u jekk hux haj jew mejjet**", b'riferenza ghall-intestatura "**Missier it-Tarbija**" il-kliem "Joseph Z (Alive)";

Bl-ispejjez kontra l-intimati jew min minnhom ilkoll ingunti minn issa in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici pro et noe;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Gn Z, li permezz taghha eccepixxa : (fol 11)

1. Illi fl-ewwel lok l-intimat jirrileva illi kuntrarjament ghal dak allegat mir-rikorrenti, bejnhu u r-rikorrenti stess ma kien hemm l-ebda relazzjoni ghalkemm kienu jiffrekwentaw lil xulxin;

2. Illi l-intimat jirrileva illi fiz-zmien illi l-partijiet kienu jiffrekwentaw lil xulxin, ir-rikorrenti dejjem qaltlu illi hija ma jistax ikollha t-tfal minhabba problemi medici u ghalhekk kienet pjuttost sorpriza ghalih illi permezz tal-kawza odjerna gie infurmat illi huwa missier ta' zewgt itfal minuri;

3. Illi r-rikorrenti lanqas biss infurmatu illi huwa kellu zewgt itfal minuri illi huma tieghu u kien ghalhekk illi wara t-twelid tal-istess tfal minuri illi huwa qatt ma wera interess stante illi lanqas biss kien jaf;

4. Illi inoltre l-intimat jirrileva, illi kemm fiz-zmien illi hu u r-rikorrenti kienu jiffrekwentaw lil xulxin kif ukoll qabel u wara l-istess inkontri, ir-rikorrenti kellha relazzjonijiet ma' rgiel ohra;

5. Illi ghalhekk minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-intimat jirrileva illi ghandhom isiru t-testijiet xjentifici relattivi tad-DNA sabiex tigi stabbilita l-paternita' tal-minuri S Mc C u N Mc C;

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost stante illi t-tfal minuri diga ghandhom l-eta' ta' sitt (6) snin ikun opportun u fl-ahjar interess suprem taghhom illi kunjomhom ma jitbiddel bl-ebda mod u ghalhekk ma jsiru l-ebda zidiet ma' kunjomhom u jibqghu maghrufa bhala Mc C u dan dejjem jekk jirrizulta illi l-intimat huwa l-missier tat-tfal;

7. Illi inoltre huwa ma ghandux jbaghti l-ispejjez tal-kawza odjerna stante li huwa qatt ma gie infurmat illi r-rikorrenti kienet welldet l-istess tfal minuri u lanqas sahansitra gie interpellat formalment qabel mar-rikorrenti pprocediet b'din il-kawza;

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Gn Z;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li permezz taghha eccepixxa :   (fol 15)

1. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u in linea preliminari ukoll, għall-inqas mill-atti li ġew notifikati lill-esponenti tidher li hemm nieqsa l-awtorizzazzjoni meħtieġa, li permezz tagħha A A Mc C ġiet maħtura bħala kuratriċi *ad litem* tal-minuri S u N Mc C skont id-disposizzjonijiet tal-**Artikoli 782 u 783 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

2. Illi l-esponent jistqarr li mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-każ inkwistjoni huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi istruttorji għalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha kkonċernanti sabiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet ġenetiċi kif provdut fl-**Artikolu 100A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

3. Illi bla ħsara għas-suespost f'każ li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrenti, l-esponent jistieden lil konvenut G Z sabiex jippreżenta d-dettalji personali kollha tiegħu, permezz ta' nota li tispeċifika senjatament (1) In-numru tal-karta tal-Identita, (2) ismu u kunjomu, (3) l-età tiegħu meta twieldu l-minuri S Mc C u N Mc C, (4) il-post tat-twelid tiegħu, (5) il-post ta' residenza tiegħu meta twieldu l-imsemmija minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieldu il-minuri.   Tali

informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferit minuri S Mc C u N Mc C, bin-numri ta' reġistrazzjoni progressivi 2226 tas-sena 2010 u 2227 tas-sena 2010 rispettivament;

4. Illi bla preġudizzju għas-suespost, l-esponent jirrileva illi l-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandhom jassumu l-minuri S u N Mc C a tenur tal-**Artikolu 92 (6) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

5. Illi finalment dejjem mingħajr ħsara għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat illi bis-saħħa tad-digriet mogħti fit-28 ta' Marzu 2017[1], l-attriċi ġiet maħtura bħala kuratriċi *ad litem* tal-minuri S u N Mc C u b'hekk l-ewwel eċċezzjoni preliminari issollevata mill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku ġiet sorvolata.

Rat l-artikolu 86A, subinċiż (1) tal-Kodiċi Ċivili[2], illi jistipula li: *"L-omm ta' iben imnissel jew imwieled barra miż-żwieġ li ma jiġix magħruf mill-missier, u dak l-istess tifel, jistgħu f'kull żmien iressqu talba ġudizzjarja biex tiġi stabbilita l-paternità tat-tifel u biex il-qorti tordna r-reġistrazzjoni ta' dik il-paternità fl-atti tal-istat ċivili relattivi."*

[1] Fol. 21

[2] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta

Rat l-affidavit tal-**attriċi**[3] fejn hija tispjega li kien f'Awwissu 2009 li bdiet tirrisjedi mal-konvenut Z fir-residenza tiegħu u ta' missieru fil-Belt Valletta. F'Novembru 2009 indunat illi kienet tqila, iżda G ma tantx ħa pjaċir bit-tqala u dana stante li huwa diġa kellu tlett'itfal oħra minn sieħba oħra tiegħu, ċerta Stefania Mallia. Iżda maż-żmien beda juri iktar entużjażmu u bdew jaraw xi ħtiġijiet tat-tarbija flimkien. Meta l-attriċi saret taf illi kien ser ikollhom tewmin, G ħa xokk.

L-attriċi kienet ħasbet fl-ismijiet li kellhom jingħataw it-tfal u G kien qabel: S K J għat-tifel – S għal-laqam tal-familja ta' G li hu "Tas-Sej", K għal missier l-attriċi u Joseph għal missier G. It-tifla kellha tissemma N L – L għal wara omm l-attriċi u omm G li kienu diġa t-tnejn mejtin. Fi Frar 2010, ir-relazzjoni bejn il-koppja marret għall-agħar tant illi l-attriċi rritornat fir-residenza tagħha ġewwa Raħal Ġdid meta kellha tliet xhur tqala. G kompla bir-relazzjoni tiegħu ma' X U u l-partijiet biddlu n-numri tal-mobiles biex żgur ma jibqgħux in kuntatt flimkien. Minkejja dan, l-attriċi baqgħet f'kuntatt ma' missier G, J u ma' oħtu J.

Kmieni il-Ħamis 15 ta' Lulju 2010, l-attriċi welldet lil uliedha tewmin u semmiethom skont ma kienu miftehmin u cioe S Kenneth Joseph u N L. G m'akkumpanjahiex l-isptar u lanqas biss mar jara lit-tfal, iżda missieru mar dakinhar stess illi twieldu, filwaqt illi oħtu Joanne marret l-għada. Lura d-dar, l-attriċi irnexxielha takkwista n-numru tal-mobile ta' G u infurmatu bit-tfal. Huwa eventwalment mar jara lit-tfal flimkien ma' missieru. Dan kien xi tliet ġimgħat wara t-twelid tagħhom. Il-partijiet kienu reġgħu irranġaw anke r-relazzjoni ta' bejniethom, iżda l-konvenut kien ġej u sejjer, daqqa mal-attriċi u daqqa ma' XXXXXXX. Kien wera x-xewqa li t-tfal jagħmilhom fuq kunjomu, u għalkemm l-attriċi kienet taqbel miegħu, dan qatt ma sar. Il-konvenut telaq definittivament fil-bidu tas-sena 2012, meta t-tfal kellhom madwar sena u nofs.

Rat ukoll l-affidavits ta' **R E**[4], **R E**[5] u **CA G**[6] illi lkoll ikkorraboraw il-verżjoni tal-attriċi. Huma jikkorraboraw il-fatt li G kien

---

[3] Fol. 39 tal-proċess

[4] Fol. 43

konsapevoli mit-tqala ta' A u saħansitra li kien ser ikollha tewmin. Kemm missieru u wkoll oħtu kienu marru jaraw lit-tewmin l-isptar u anke d-dar tal-attriċi regolarment, għalkemm xi drabi minn wara dahar G. G ukoll, xi xahar wara li twieldu t-tewmin beda jmur jarahom regolarment sakemm kellhom madwar sena u nofs.

Rat ukoll id-dokumenti[7] esebiti mill-attriċi in sostenn tal-verżjoni tagħha, flimkien mar-ritratti u mat-traskrizzjonijiet ta' messaġġi li għaddew bejn il-partijiet.

Illi għaldaqstant tirriżulta għal kollox inveritiera, il-verżjoni tal-konvenut G Z meta jgħid illi r-rikorrenti lanqas biss infurmatu illi huma kellu żewġt'itfal u li kien għalhekk li qatt ma wera nteress fihom. "*Kienet pjuttost sorpriża għalih illi permezz tal-kawża odjerna ġie infurmat illi huwa missier ta' żewġt'itfal minuri"* jiddikjara b'mod falz, il-konvenut fir-risposta ġuramentata tiegħu[8]. Illi din il-verżjoni, il-konvenut Z sqarrha taħt ġurament u għalhekk hemm lok li jiġi nvestigat għar-reat kriminali ta' sperġur ai termini tal-Artikolu 106 tal-Kodiċi Kriminali[9]. F'dan ir-rigward, il-Qorti qiegħda tordna l-komunika ta' din is-sentenza lill-Kummissarju tal-Pulizija għal investigazzjoni ulterjuri.

Rat l-affidavit redatt minn **Dr. Marisa Cassar**[10], flimkien mar-**rapport tad-DNA,** ippreżentat minnha fil-25 ta' Mejju 2017[11]. Dr. Cassar ikkonfermat bil-ġurament li hija ġabret l-kampjuni orali ta' A A Mc C (ID 295589M) l-attriċi, Seydon Mc C u N Mc C (il-minuri) u tal-konvenut G Z (ID 182582M) sabiex ikunu jistgħu jsiru t-testijiet ġenetiċi tad-DNA. Mit-testijiet li għamlet, irriżulta illi G Z (ID 182582M) huwa l-missier naturali ta' Seydon Mc C u N Mc C.

---

[5] Fol. 45
[6] Fol. 46
[7] Fol. 48 et seq.
[8] Fol. 11
[9] Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta
[10] Fol. 25
[11] Fol. 24 et seq.

Rat illi d-dettalji tal-konvenut G Z kif mitluba mill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku huma s-segwenti[12]:

1) Isem u kunjom: G Z
2) Id-dokument tal-identita`: 0182582(M)
3) L-eta` tiegħu meta twieldu il-minuri: 28 sena
4) Il-post tat-twelid ta' G Z: Pieta`, Malta
5) Il-post tar-residenza tiegħu meta twieldu il-minuri: il-Belt Valletta
6) Isem u kunjom missieru: J Z
7) Jekk in-nannu patern kienx ħaj jew mejjet meta twieldu il-minuri: Ħaj

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi kif dejjem irritjeniet il-Qorti, f'kawżi bħal dawn, il-provi xjentifiċi u ġenetiċi huma l-prova reġina u għalhekk il-Qorti tista' tiddependi fuqhom mingħajr analiżi ta' provi oħra u cioe jekk l-attriċi possibilment kellhiex relazzjonijiet sesswali ma' rġiel oħra, oltre l-konvenut Z, fiż-żmien tal-konċepiment tal-minuri S u N.

Fil-każ odjern, jirriżulta mill-istess testijiet ġenetiċi illi effettivament il-minuri S Mc C u N Mc C huma l-ulied naturali u bijoloġiċi tal-konvenut G Z.

It-test xjentifiku, hekk kif ikkonfermat bil-ġurament, jelimina kull dubju dwar il-paternita' tal-minuri. Għaldaqstant, il-provi miġjuba quddiem il-Qorti juru bl-aktar mod ċar u inekwivoku li S Mc C u N Mc C huma l-ulied naturali u bijoloġiċi tal-konvenut G Z. Illi għalhekk il-Qorti tara li m'hemm l-ebda raġuni għalfejn m'għandhiex tilqa' it-talbiet attriċi.

Illi <u>dwar il-kunjom illi għandhom jassumu l-minuri</u>, il-Qorti qiegħda tikkunsidra t-talba tal-konvenuta nnumerata 2(a) illi l-

[12] Dawna jirriżultaw mir-rikors ġuramentat , mill-kopja tal-karta tal-identita` tal-konvenut, fol. 28 u min-nota ippreżentat mill-attriċi fil-15 ta' Ġunju 2018, fol. 71

minuri jassumu l-kunjom tal-missier, li magħhom ikun miżjud il-kunjom tal-omm u cioe Z Mc C. Kif tispjega l-attriċi fl-affidavit tagħha, dan il-kunjom ikun jirrifletti illi t-tfal m'humiex ulied missier mhux magħruf iżda effettivament huma ulied il-konvenut G Z. Tinsisti li kif uliedu l-oħra minn XXXXXXX, jġorru l-kunjom tiegħu, bl-istess mod għandhom ikunu trattati uliedha. Il-Qorti tara illi din it-talba bl-ebda mod ma tippreġudika l-benessere tal-minuri S u N. F'dan il-każ in eżami, il-minuri juru x-xewqa li jsiru jafu x'ġara minn missierhom u li jsiru jafuh, tant illi jsaqsu lil ommhom dwaru u m'għadhomx jemmnu meta tgħidilhom illi huma msiefer. Il-kunjom Z Mc C huwa l-kunjom li jirrifletti l-verita` dwar il-minuri. Wieħed jittama illi l-konvenut ma jagħtix biss sempliċi kunjom lil uliedu iżda wkoll l-attenzjoni, l-affezzjoni u l-ħtiġijiet kollha tagħhom.

**DEĊIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża u tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tal-konvenut G Z u tad-Direttur tar-Reġistru billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attriċi u tiddikjara illi l-intimat G Z huwa l-missier bijoloġiku tal-minuri S u N, imwieldin lill-attriċi fil-ħmistax (15) ta' Lulju tas-sena elfejn u għaxra (2010);

2. Tilqa' t-tieni talba attriċi għajr għat-talba senjalata bl-ittra (d) u konsegwentement tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex fiċ-ċertifikati tat-twelid tal-minuri N u S innumerati elfejn mitejn u sitta u għoxrin (2226) kif ukoll elfejn mitejn u sebgħa għoxrin (2227) tas-sena elfejn u għaxra (2010) fid-dettalji ta' missier it-tarbija, huwa jħassar il-kliem "missier mhux magħruf" u minflok iniżżel id-dettalji tal-intimat G Z, detentur tal-karta tal-Identita` Maltija bin-numru 0182582 (M), li meta twieldu il-minuri kellu tmienja u għoxrin (25) sena, imwieled fil-Pieta` Malta u residenti l-Belt Valletta u huwa iben Joseph Z li kien ħaj

fil-mument tat-twelid tal-minuri. Tordna illi fil-kolonna "Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa" jitniżżel il-kunjom Z flimkien mal-kunjom tal-omm biex b'hekk il-minuri N u S isiru magħrufa bil-kunjom Z Mc C;

Bl-ispejjeż, inkluż dawk tat-testijiet xjentifiċi tad-DNA relattivi esebiti fl-atti tal-proċediment odjern, ikunu sopportati b'mod ugwali mill-attriċi A A Mc C u l-konvenut G Z.

Komunika: Kummissarju tal-Pulizija